MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 473/2011

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elf disa’ mija u tlieta u tmenin (1983) (Ara Dok. A anness) u u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, illum maggorenni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dr. Michel Dingli mid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) (Ara Dok. B anness) ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom tnax (12)-il sena

mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied ghaliex huma maggorenni u ghandhom anki 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena u lanqas m'hemm manteniment dovut lill-intimata f'dan l-istadju stante skond il-kuntratt ta' separazzjoni huma ddekadew mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin (Ara l-ahhar Klawsola fuq l-ewwel pagna ta' Dok. B anness) ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet:
Illi hija qed taqbel ma dak kollu dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tal-20 ta' Dicembru 2011 u ghaldaqstant mhux qed topponi ghat-talbiet tieghu kif kontenuti fir-rikors.
Illi pero hija ma ghandha tbati ebda spejjez.
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti inkluz l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Dicembru 2011;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Lulju 1999;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied illi illum huma maggorenni u illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni, l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand ir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------